# Aktar laqmijiet fil-Mosta

Jekk tiftakru, fl-ewwel parti aħna u nitkellmu dwar id-definizzjoni ta' laqam konna għedna li l-laqam ħafna drabi jolqot u joqgħod lil dak li jkun, jikkwalifikah u jagħżlu minn min jismu bħalu. Għedna wkoll li n-natura deskrittiva tal-laqam, bir-raġun jew mingħajru, hija tista' tgħid preżenti f'kull okkażjoni. Huwa wkoll f'dan il-kuntest li l-qawl Malti jgħallem li 'skond għamlek laqmek'.

Fost dawk li kitbu dwar il-laqmijiet Maltin insibu 'l Annibale Preca (fi żmienu surmast ta' l-Iskola tal-Gvern tal-Mosta), lill-Prof. Luigi Bonelli, Taljan, u aktar qrib lejna lis-Sur Ġużè Cassar Pullicino, kittieb u folklorista. Dan ta' l-aħħar jistqarr li f'Malta għandna evidenza li n-numru ġmielu ta' kunjomijiet bdew bħala laqmijiet. Ġew adottati għal kollox bħala kunjomijiet jew għax in-nutara inkludewhom f'dokumenti legali jew b'riżultat taż-żjara ta' Mons. Dusina fl-1575 għax il-parroċċi kellhom minn dakinhar 'l quddiem jibdew jirregistraw bil-galbu kull twelid, żwieġ u mewt.

Niltaqgħu ukoll ma' proċess bil-maqlub, jiġifieri kunjomijiet li jnisslu huma l-laqmijiet. Dan ġeneralment jiġri meta kunjom ma jkunx daqshekk magħruf u jaħsel jolqot l-immaġinazzjoni ta' xi ħadd li jaqla' laqam ibbażat fuq il-kunjom u jissogra jikkundanna lilu nnifsu seba' snin il-Purgatorju. Biżżejjed naghtu żewġ eżempji biex niftiehmu aktar ċar: Ta' Obrajin (O'Brien) u Ta' Gorxir (Gollcher).

Sadattant halli naghtu hjiel hafif hafif ta' xi linji li tista' tiehu klassifika ta' laqmijiet Maltin filwaqt li tixhet dawl fuq l-aspetti soċjali taghhom (imsejsa fuq Ġ.C.P). Fost il-laqmijiet personali nsibu 'Tal-Wanni' (Ġwanni) u Ta' Minka (Duminka). Dawk ta' nisel ġeografiku jinkludu 'Tal-Għawdxi' u 'Ta' Rabtija'. Meta mbagħad niġu biex nikklassifikaw il-laqmijiet fiżiċi hemm fejn wieħed jixxala! Hawn insemmi biss 'Tan-Nar', 'Tal-Ħoxnija' u 'Ta' Xewwex'. L-annimali, l-għasafar u t-tjur lanqas ma jonqsu li jagħtuna laqmijiet interessanti, eżempju: 'Tal-Gellux', 'Is-Summieni' u 'Ta' Żarmuġa'. Ir-relazzjonijiet familjari jagħtuna fost oħrajn: 'Ta' l-Armla', 'Tat-Tewmi' eċċ.

Imbagħad niġu għall-karigi u s-snajja', eżempju: 'Tal-Ministru', 'Tal-Kmand', 'Tal-Furnara', 'Tal-Bajjad'. Tista' tibqa' sejjer iżjed bl-ikklassifikar ta' laqmijiet fost dawk li għandhom x'jaqsmu mal-flus: 'Tas-Sold', u 'Ta' Karusu'.

L-aħjar ngħaddu mill-ewwel għall-aġġornamet tal-lista ta' laqmijiet 'Mostin' li bdejna aktar qabel.

(Hawn nirringrazzja lil min għen fosthom lill-ħabib tagħna Feliċ Fenech.)

**(A)**

Tal-Abjad; Tal-Aċċident; Ta' Ajjan; Ta' Anġeloruwa; Ta' Antonin; Ta' l-Armla.

**(B)**

Il-Bagaġġa; Tal-Babas; Ta' Balal; Ta' Baqquna; Tal-Ballutrun; Il-Baghla; Il-Bambin; Ta' Babozz; Il-Benċ; Ta' Beninja; Tal-Berqu; Ta' Berquwa; Ta' Belinju; Tal-Birku; Ta' Blajjes; Ta' Billejla; Il-Bjuti

➥ ikompli paġna 54



# Laqmijiet Mostin

➡ minn paġna 53

*(beauty)*; Il-Bobby; Ta' Borġu; Tal-Bodbod; Ta' Bonavia; Ta' Brajma; Ta' Branja; Ta' Brieqex; Il-Bufies; Il-Bullu; Il-Buqar.

(Ċ)

Taċ-Ċakka; Ta' Ċampetta; Taċ-Ċanċulina; Ta' Ċappas; Taċ-Ċewwiel; Iċ-Ċiċra; Ta' Ċiljetta; Ta' Ċinċel; Iċ-Ċisor, Iċ-Ċmieni; Taċ-Ċapes; Iċ-Ċopi; Iċ-Ċpar.

(D)

Id-Dandalun; Id-Dehbien; Id-Daġġer; Delia ta' l-Għamara; Ta' Dereġi; Ta' Delicata; Id-Derquwa; Ta' Dobbu; Ta' Doħdoħ; Tad-Dokk; Ta' Dora; Ta' Doru; Tad-Dubajs; Ta' Dun Anġ; Id-Dukkari; Tad-Dusi.

(E)

Ta' l-Erlikur.

(F)

Il-Faħal; Tal-Fiġann; Ta' Feħjen; Ta' Fernes; Ta' Ferruwa; Ta' Fliexken; Ta' Frijju; Ta' Forfru; Il-Furnaru; Tal-Furnara.

(G)

Gabaj; Il-Gaffarell; Ta' Galjotti; Tal-Galopp; Ta' Gandi; Il-Gamblu; Ta' Galier; Ta' Gejbu; Ta' Geniexa; Il-Gerwella; Tal-Gorejs; Il-Glorjuż; Il-Grillu; Ta' Grima.

(Ġ)

Ta' Ġamri; Ta' Ġan Pawl; Il-Ġakson *(Jackson)*; Ta' Ġennella; Ta' Ġeħa; Il-Ġemmus; Tal-Ġentlom; Tal-Ġebel; Il-Ġilda; Ta' Ġordin; Il-Ġoss; Ta' Ġorġubajd; Il-Ġowker *(Joker)*; Tal-Ġudlom; Ta' Ġużepp ta' Miju; Ta' Ġużepp ta' Ġan Pawl.

(GĦ)

Tal-Għenbu; Tal-Għarus; Ta' l-Għargħur.

(Ħ)

Il-Ħajbu; Il-Ħajta; Ta' Ħal Lija; Ta' Ħarroxa; Il-Ħassiel; Il-Ħlà; Il-Ħmara; Tal-Ħoħla; Tal-Ħbula; Tal-Ħwejjeġ.

(I)

Ta' Indrijana; Ta' l-Ingis; Ta' l-Intrakkat; Ta' l-Iżbettier.

(J)

Ta' Jack; Ta' Jaħsad.

(K)

Tal-Kaddi; Il-Kaldarun; Tal-Kappellier; Ta' Karla; Il-Karru; Ta' Katusu; Il-Kavall; Ta' Kaxx; Tal-Keċwier; Il-Kelb; Ta' Kella; Ta' Kummuni; Il-Kennel; Ta' Kesaħluwa; Tal-Kbir; Ta' Kjaviku; Tal-Klajson; Tal-Kont; Tal-Kontija; Ta' Krefiċa; Ta' Kristu tal-Landi; Tal-Kulis; Tal-Kulisa; Il-Kutra.

(L)

Tal-Lass, Ta' Lebilba; Tal-Liebet; Ta' Lieni; Tal-Lewlew; Ta' Liskrin; Ta' Listor; Tal-Lolu; Ta' Lonz; Tal-Lotterija; Tal-Lollu.

(M)

Ta' Madlien; Tal-Madum; Tal-Maġġur; Il-Maħmuġ; Ta' Majs; Tal-Makku; Ta' Mallia; Ta' Marċell; Ta' Mar Tereż; Ta' Meqiela; Tal-Matlu; Ta' Matra; Ta' Minjolla; Tal-Mewt; Il-Minjol; Ta'

➡ ikompli paġna 55

PEPPI PRODUCTS



MOSTA BACON

Mosta Bacon Co. Ltd. 115, Hope Street, Mosta MST 04 Tel: 432102, 414637 Fax: 433569

Fillets
Knuckles
Cube roll
Veal & Lamb chops
Ham
Smoked Ham
Bacon
Gammon
Beef Burgers
Frankfurters
Sausages
Peas & vegetables
Pork
Spare ribs
Mince meat
Meatball

# Laqmijiet Mostin

minn paġna 54

Minka; Ta' Minkella; Ta' Mikkita; Ta' Mikieles; Tal-Mokk; Ta' Montanaro; Il-Moqli; Ta' Mosika; Tal-Muġugħa; Tal-Mużew; Tal-Mundlos.

(N)

Tan-Najnixxa; Ta' Naħnaħ; Ta' Nardu; In-Naskier; Ta' Natala; Ta' Nina; Ta' Nusa, In-Nixxiefi.

(O)

Ta' Obrajin *(O'Brian).*

(P)

Ta' Paċeċ; Ta' Pajsam; Tal-Pantu; Ta' Paroli; Ta' Partiżana; Ta' Passini; Ta' Pastini; Ta' Peqpeq; Tal-Pess; Il-Petit; Il-Pikipakk; Il-Piklu; Il-Pipillu; Ta' Pizzutu; Il-Plejs; Il-Plikku; Ta' Portanier; Tal-Presepju Jiċċaqlaq.

(Q)

Ta' Qaħħ, Ta' Qajżu; Ta' Qallutu; Ta' Qasba; Ta' Qasbina; Ta' Qeqqimamma; Il-Qixa; Il-Qixxu.

(R)

Ta' Randu; Ta' Reġin; Ta' Riketta; Tar-Roħba.

(S)

Tas-Safra; Ta' Sajka; Ta' Salvu ta' Għerbu; Ta' Sapjenz; Ta' Sestru; Tas-Settier; Tas-Siġġiewi; Is-Siksowtu (602); Is-Simblija; Is-Sirus; Tas-Sittax; Is-Snipen; Is-Sufra, Tas-Sufu; Tas-Suldat; Tas-Sumsomor.

(T)

It-Tajsu; It-Tangu; It-Taqqu; Ta' Tilla; Ta' Toni; Ta' Fronġa.



Karmnu Vella li miet ta' 66 sena fl-1 ta' Marzu, 1936, kien bandist fl-ewwel banda ta' Santa Marija. Hu u l-familja tiegħu kellhom il-laqam 'Tad-Dajna'.

(V)

Tal-Vidipomp, Ta' Vanġiela.

(W)

Tal-Wanni; Il-Wembli; Ta' Windam; Ta' Wiżu; Ta' Woods.

(X)

Ta' Xandru; Ta' Xaqqina; Ta' Xarolla; Ix-Xing; Tax-Xlugi; Ix-Xlugi; Tax-Xogħol; Tax-Xolina; Ta' Xommuwa; Tax-Xorb.

(Z)

Iz-Zalzettu; Ta' Zi; Ta' Zilija; Iz-Zokkru; Iz-Zunzajna.

(Ż)

Taż-Żabbari; Ta' Żahra; taż-Żebbiegħ; Taż-Żejt; Taż-Żeppa; Ta' Żerbu; Ta' Żubbotu; Ta' Żunżajna. ■

*John A. Sant, B.A.*




# ORBIS OPTICIANS

## The Place that Really Cares for your Eyes

We offer a Vast Selection of the Latest Brands of Spectacle Frames, Sunglasses and Accessories.

Contact Lenses including Coloured available from Stock.

## Eye Specialist in attendance

**39, Eucharistic Congress Road, Mosta**

**Tel: 434012**